

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 13.12.2010
KUMM(2010) 720 finali

2010/0350 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-UE u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fuq il-parteċipazzjoni tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, bħala osservatur fil-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-modalitajiet rispettivi, fi ħdan il-qafas stabbilit fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007, inklużi d-dispożizzjonijiet relatati mal-parteċipazzjoni f'inizjattivi mwettqa mill-Aġenzija, mal-kontribuzzjoni finanzjarja u mal-persunal

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-kuntest

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija") twaqqfet mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007¹ (minn hawn 'il quddiem, "ir-Regolament").

Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament, l-għan tal-Aġenzija huwa li tipprovdi lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-uffiċċji rilevanti u lill-aġenziji tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, b'assistenza u kompetenza relatati mad-drittijiet fundamentali sabiex tappoġġjahom meta jieħdu miżuri jew jiformulaw strateġiji ta' azzjoni fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom bil-għan li jirrispettaw b'mod sħiħ id-drittijiet fundamentali.

Skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament tal-Kunsill 168/2007/KE, l-Aġenzija għandha tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati bħala osservaturi. Il-parteċipazzjoni u l-modalitajiet rispettivi għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni rilevanti, filwaqt li jiġu definiti n-natura, il-firxa u l-mod ta' parteċipazzjoni partikolari. Mal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, l-Aġenzija tkun tista' tittratta l-kwistjonijiet tad-drittijiet fundamentali fil-pajjiż kandidat inkwistjoni fl-ambitu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament, sa fejn ikun meħtieġ għall-allinjament gradwali tal-pajjiż mad-dritt tal-Unjoni.

2. Id-Deċiżjoni proposta

Il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-UE u tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fuq il-kwistjoni tal-parteċipazzjoni tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fl-Aġenzija. Id-deċiżjoni proposta tinkludi abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 28.

B'konformità ma' wieħed mill-prinċipji bażiċi li jsostnu r-Regolament (jiġifieri x-xogħlijiet tal-Aġenzija fuq il-bażi ta' approċċ tematiku, u mhux approċċ speċifiku għall-pajjiż) l-abbozz tad-Deċiżjoni jippermetti lill-Aġenzija twettaq fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja l-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament.

L-abbozz tad-Deċiżjoni jistabbilixxi wkoll li l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandha taħtar osservatur u sostitut għall-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija. Dawn il-persuni għandhom jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament. Huma għandhom jipparteċipaw fix-xogħlijiet tal-Bord ta' Tmexxija fuq bażi ugwali mal-membri u s-sostituti maħtura mill-Istati Membri, iżda mingħajr ma jkollhom id-dritt li jivvutaw.

Id-Deċiżjoni għall-parteċipazzjoni fil-ħidma tal-Aġenzija tinkludi wkoll dispożizzjonijiet relatati mal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u mal-persunal.

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, ĠU L 53 tat-22.2.2007, p. 1.

Id-Deċiżjoni proposta tagħmel dispożizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja bbażata fuq parteċipazzjoni li tibda fl-2011 (l-ewwel sena ta' parteċipazzjoni fl-anness I, punt 5).

L-abbozz tad-deċiżjoni huwa wkoll konformi mar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej. Il-proporzjon bejn l-ispejjeż amministrattivi u dawk operattivi tal-baġit tal-Aġenzija għall-Istati Membri tal-UE huwa wkoll applikabbli, bħala medja fuq l-estimi tal-pajjiżi kandidati.

L-abbozz tad-deċiżjoni huwa akkumpanjat minn dikjarazzjoni finanzjarja.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-UE u tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fuq il-parteeċipazzjoni tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, bħala osservatur fil-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-modalitajiet rispettivi, fi ħdan il-qafas stabbilit fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007, inklużi d-dispożizzjonijiet relatati mal-parteeċipazzjoni f'inizjattivi mwettqa mill-Aġenzija, mal-kontribuzzjoni finanzjarja u mal-persunal

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 352 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Kunsill Ewropew tal-Lussemburgu ta' Diċembru 1997 għamel li l-parteeċipazzjoni fl-aġenziji tal-Unjoni jkun mezz kif tittejjeb l-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew jistabbilixxu li l-"aġenziji tal-Unjoni li fihom ikunu jistgħu jipparteċipaw il-pajjiżi applikanti għandhom jiġu ddeterminati fuq bażi ta' każ b'każ".
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali jipprovdi li l-Aġenzija għandha tkun miftuħa għall-parteeċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati fil-qafas stabbilit fl-Artikoli 4 u 5 tiegħu.
- (3) L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja tikkondividi l-għanijiet u l-oġettivi stabbiliti għall-Aġenzija u tappoġġja l-ambitu u d-deskrizzjoni tal-kompiti tal-Aġenzija stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 168/2007.
- (4) L-oġettiv aħħari tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja huwa li ssir membru tal-Unjoni Ewropea, u l-parteeċipazzjoni tagħha fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għandha tgħin lill-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja biex tilħaq dan l-oġettiv.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-UE u tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fuq il-parteeċipazzjoni tal-

ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja bħala osservatur fil-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-modalitajiet rispettivi tagħha għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-UE u tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, anness ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

Abbozz ta'

DEĊIŻJONI Nru

dwar il-parteciċipazzjoni tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja bħala osservatur fil-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-modalitajiet rispettivi, fi ħdan il-qafas stabbilit fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007, inklużi d-dispożizzjonijiet relatati mal-parteciċipazzjoni f'inizjattivi mwettqa mill-Aġenzija, mal-kontribuzzjoni finanzjarja u mal-persunal

IL-KUNSILL TA' STABILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI TAL-UE U TAL-EX REPUBBLIKA JUGOSLAVA TAL-MAĊEDONJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea, fuq naħa waħda, u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq in-naħa l-oħra,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 li jstabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u b'mod partikolari l-Artikolu 28(2) tiegħu,

Billi

(1) Il-Kunsill Ewropew tal-Lussemburgu ta' Diċembru 1997 għamel li l-parteciċipazzjoni fl-aġenziji tal-Unjoni jkun mezz kif tittejjeb l-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew jstabbilixxu li l-"aġenziji tal-Unjoni li fihom ikunu jistgħu jipparteċipaw il-pajjiżi applikanti għandhom jiġu ddeterminati fuq bażi ta' każ b'każ".

(2) L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja tikkondividi l-għanijiet u l-oġġettivi stabbiliti għall-Aġenzija u tappoġġja l-ambitu u d-deskrizzjoni tal-kompiti tal-Aġenzija stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 168/2007.

(3) Huwa xieraq li tiġi permessa l-parteciċipazzjoni tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja bħala osservatur fil-ħidma tal-Aġenzija u li jiġu stabbiliti l-modalitajiet ta' tali parteciċipazzjoni, inklużi d-dispożizzjonijiet relatati mal-parteciċipazzjoni f'inizjattivi mwettqa mill-Aġenzija, mal-kontribuzzjoni finanzjarja u mal-persunal.

(4) Huwa wkoll xieraq li l-Aġenzija tkun tista' tittratta kwistjonijiet tad-drittijiet fundamentali fl-ambitu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja sa fejn ikun meħtieġ għall-allinjament gradwali tagħha mad-dritt tal-Unjoni.

(5) Skont l-Artikolu 12(2)(a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej previst fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68, id-Direttur tal-Aġenzija jista' jawtorizza l-ingaġġar ta' ċittadini nazzjonali tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja li jgawdu d-drittijiet sħaħ tagħhom bħala ċittadini.

IDDEĊIEDA:

Artikolu 1

L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, bħala pajiż kandidat, għandha tipparteċipa bħala osservatur fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 168/2007.

Artikolu 2

1. L-Aġenzija tista' tittratta kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali fl-ambitu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja sa fejn ikun meħtieġ għall-allinjament gradwali tagħha mad-dritt tal-Unjoni.

2. Għal dan il-għan, l-Aġenzija se tkun tista' twettaq fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja l-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007.

Artikolu 3

L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għall-attivitajiet tal-Aġenzija msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

1. L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandha taħtar persuni li jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament bħala osservatur u sostitut, rispettivament. Huma jistgħu jipparteċipaw fil-ħidma tal-Bord ta' Tmexxija fuq bażi ugwali mal-membri u sostituti maħtura mill-Istati Membri, iżda mingħajr ma jkollhom id-dritt li jivvutaw.

2. L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandha tinnomina uffiċjal tal-gvern bħala Uffiċjal Nazzjonali ta' Kuntatt, kif imsemmi fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007.

3. Fi żmien erba' xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandha tinforma lill-Kummissjoni Ewropea bl-ismijiet, il-kwalifiki u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuni msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 5

Id-dejta pprovduta lil jew li toħroġ mill-Aġenzija tista' tiġi ppubblikata u għandha tkun għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, bil-kondizzjoni li l-informazzjoni kunfidenzjali tingħata l-istess grad ta' protezzjoni fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja hekk kif tingħata fi ħdan l-Unjoni.

Artikolu 6

L-Aġenzija għandha tgawdi fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja l-istess kapaċità legali bħal dik mogħtija lill-entitajiet legali skont il-liġijiet tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

Artikolu 7

Sabiex l-Aġenzija u l-persunal tagħha jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandha tagħtihom il-privileġġi u l-immunitajiet identiċi għal dawk fl-Artikoli 1 sa 4, 5, 6, 10 sa 13, 15, 17 u 18 tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, meħmuż mat-Trattati dwar l-Unjoni Ewropea u dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 8

Il-Partijiet kollha għandhom jieħdu kwalunkwe miżuri ġenerali jew speċifiċi meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont din id-Deċiżjoni u għandhom jinnotifikawhom lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

ANNEX

I

KONTRIBUZZJONI FINANZJARJA TAL-EX REPUBBLIKA JUGOSLAVA TAL-MAĊEDONJA LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIIJET FUNDAMENTALI

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha titħallas mill-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għall-baġit tal-Unjoni Ewropea biex tipparteċipa fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Driftijiet Fundamentali (l-Aġenzija), kif stipulat fil-punt 2, tirrappreżenta l-ispiża sħiħa tal-parteeipazzjoni tagħha fiha.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha titħallas mill-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għall-baġit tal-Unjoni Ewropea għandha tkun kif ġej:

L-Ewwel Sena:	EUR 165,000
It-Tieni Sena:	EUR 170,000
It-Tielet Sena:	EUR 175,000

3. L-appoġġ finanzjarju possibbli mill-programmi ta' assistenza tal-Unjoni se jiġi miftiehem separatament skont il-programm tal-Unjoni relevanti.
4. Il-kontribuzzjoni tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja se tiġi ġestita b'konformità mar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.
5. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-ġhajxien li jintnefqu mir-rappreżentanti u l-esperti tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja sabiex jieħdu sehem fl-Aġenzija jew f'laqgħat relatati mal-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-Aġenzija għandhom jiġu rimborsati mill-Aġenzija fuq l-istess bażi ta' u skont il-proċeduri attwalment fis-seħħ għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
6. Wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni u fil-bidu ta' kull sena sussegwenti, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja talba għall-fondi li tikkorrispondi mal-kontribuzzjoni tagħha lill-Aġenzija skont din id-Deċiżjoni. Għall-ewwel sena kalendarja tal-parteeipazzjoni tagħha, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja se tħallas kontribuzzjoni kkalkulata mid-data tal-parteeipazzjoni sal-aħħar tas-sena fuq bażi prorata. Għas-snin ta' wara, il-kontribuzzjoni għandha tkun skont din id-Deċiżjoni.
7. Din il-kontribuzzjoni għandha tkun espressa feuro u mħallsa f'kont bankarju tal-euro tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea.
8. L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja se tħallas il-kontribuzzjoni tagħha skont it-talba għall-fondi għall-parti tagħha sa mhux aktar tard minn 30 jum wara li tintbagħat it-talba għall-fondi mill-Kummissjoni.
9. Kull dewmien fil-ħlas tal-kontribuzzjoni għandu jġib miegħu ħlas ta' imġhax mill-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fuq l-ammont pendenti mid-data dovuta. Ir-rata tal-

ingħax tikkorrispondi mar-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew, fid-data dovuta, għall-operazzjonijiet tiegħu f'euro, biż-żieda ta' 1.5 punti perċentwali.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Qasam/Oqsma tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. Objettiv(i)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. Tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju
- 1.7. Il-metodu/metodi ta' ġestjoni previst(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/Intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati
- 3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3. *L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Il-kompatibilità mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*
 - 3.2.5. *Il-parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fil-finanzjament*
- 3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-Unjoni fuq il-parteeċipazzjoni tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, bħala osservatur fil-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-modalitajiet rispettivi, fi ħdan il-qafas stabbilit fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007, inklużi d-dispożizzjonijiet relatati mal-parteeċipazzjoni f'inizjattivi mwettqa mill-Aġenzija, mal-kontribuzzjoni finanzjarja u mal-persunal.

1.2. Qasam/Oqsma tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB²

Qasam politiku: 18 "Libertà, Sigurtà u Ġustizzja"

Attività tal-ABB: 18 04 "Id-drittijiet fundamentali u ċ-ċittadinanza"

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

1.4. Objettivi

1.4.1. *L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni mmirat(i) mill-proposta/inizjattiva*

Din id-deċiżjoni se tikkontribwixxi għat-tnejn b'suċċess tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għas-sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea.

1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitàjiet tal-ABM/ABB ikkonċernata/ikkonċernati*

Objettiv speċifiku: Id-deċiżjoni se tippermetti lill-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja tipparteċipa bħala osservatur fil-ħidma tal-Aġenzija u se tippermetti lill-Aġenzija tkopri kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

Attività tal-ABM/ABB ikkonċernata: 18 04 "Id-drittijiet fundamentali u ċ-ċittadinanza".

1.4.3. *Ir-riżultat(i) u l-impatt mistennija*

Din id-deċiżjoni se tikkontribwixxi għat-tnejn b'suċċess tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għas-sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea.

² ABM: Ġestjoni Abbażi tal-Attivitajiet – ABB: Stabbiliment tal-Baġit Abbażi tal-Attivitajiet.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva

Id-deċiżjoni tippermetti lill-Aġenzija twettaq fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja l-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament.

Il-Qafas tal-Kejl tal-Prestazzjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) se jidħol fis-seħħ fl-2011 u jkun issupplimentat mill-miżuri ta' prestazzjoni li jservu biex jiddeterminaw sa liema punt l-Aġenzija se twassal ir-riżultati mistennija.

Il-mudell loġiku tal-FRA, li huwa komuni għad-disa' oqsma tematiċi differenti iżda li huma interkonnessi, jistabbilixxi tipi ta' *riżultati* definiti minn qabel li jridu jinkisbu fi ħdan il-proġetti differenti, li huma mistennija li se jwasslu għar-*riżultati immedjati* u eventwalment jikkontribwixxu għar-*riżultati intermedji* u għall-impatt finali u globali tal-Aġenzija (*ir-riżultat aħħari*).

Fuq il-*livell tar-riżultati*, l-abbiltà li jsir tqabbil tat-tip ta' riżultati mal-valur referenzjarju (pereżempju n-numru ta' rapporti istituzzjonali, ta' sħarriġ, ta' rapporti tematiċi, ta' prattiki tajba identifikati, l-iżvilupp ta' għodod u metodi statistiċi, taħriġ u tagħlim reċiproku eċċ.) u d-definizzjoni ta' informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva aktar preċiża li għandha tinġabar matul is-sena (templates standard ta' rappurtar, sħarriġ tal-parteċipanti fuq il-bażi ta' kwestjonarju standardizzat, lista ta' kontroll standard għall-valutazzjoni tal-kwalità tar-riżultati miksuba) se jiġġeneraw kontinwament dejta ta' monitoraġġ li tinġabar fil-qosor, tiġi analizzata u interpretata darbtejn fis-sena (għar-rapporti interim u annwali tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni).

Bl-istess mod, sabiex jippermetti li tinġabar informazzjoni aktar speċifika fil-*livell tar-riżultati*, il-Qafas tal-Monitoraġġ jipprevedi li jagħmel xi *sħarriġ annwali* (għal kull qasam tematiku); dan se jkun bbażat fuq kwestjonarji fil-biċċa l-kbira tagħhom uniformi, li se jiġu aġġustati b'tali mod li jirriflettu l-kwistjonijiet speċifiċi li jappartjenu għal qasam tematiku partikolari.

Bl-istess mod, se jkun hemm bżonn ta' aktar *riċerka sekondarja kwalitattiva* fil-fond fil-*livell tar-riżultati intermedji* sabiex ikunu jistgħu jiġu traċċati u rrapportati l-analiżi u l-interpretazzjoni tal-kisbiet fost l-oqsma tematiċi. Barra minn hekk, *il-laqqgħat tal-focus group* se jgħinu biex tiġi interpretata l-informazzjoni miġbura dwar il-monitoraġġ permezz ta' kuntestwalizzazzjoni u sintetizzazzjoni (sabiex jiġi evalwat, pereżempju, kif u sa liema punt l-FRA tikkontribwixxi għal (1) qsim ta' informazzjoni/tagħlim effettiv u komprensjoni komuni akbar tal-FR fost dawk li jfasslu l-politika jew li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-partijiet interessati fl-Istati Membri (2) linji politiċi u leġislazzjonijiet tal-UE bbażati fuq l-evidenza fil-qasam tagħha u relevanti għall-ħtiġijiet, l-isfidi u l-kondizzjonijiet fl-Istati Membri (3) inkorporazzjoni aħjar tal-kwistjonijiet trasversali tal-FR u konsistenza akbar fil-linji politiċi u l-leġislazzjonijiet relatati tal-UE, eċċ.).

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi(u) ssodisfat(i) fuq perjodu ta' żmien qasir jew twil*

Id-deċiżjoni għandha tippermetti lill-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja tipparteċipa fil-ħidma tal-Aġenzija bħala osservatur u għandha tippermetti lill-Aġenzija tkopri kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Billi tittratta kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Aġenzija se tkun ta' għajjnuna għall-allinjament gradwali meħtieġ tal-pajjiżmad-dritt tal-Unjoni.

1.5.3. *Lezzjonijiet meħuda minn esperjenzi simili fil-passat*

Il-proposta għar-Regolament (KE) Nru 168/2007 kien fiha valutazzjoni tal-impatt li tittratta l-kwistjoni tal-ambitu ġeografiku tal-attivitajiet tal-Aġenzija.

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC), il-prekursur tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, wettaq proġetti ta' PHARE f'pajjiżi kandidati differenti (jiġifieri RO, BG, TR u HR) li rriżultaw li kienu pożittivi ħafna kemm għall-pajjiżi kandidati kif ukoll għall-EUMC.

1.5.4. *Koerenza u sinerġija potenzjali ma' strumenti rilevanti oħrajn*

Parti mill-ispiża tal-parteċipazzjoni tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja se titħallas mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA).

1.6. Tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

- Proposta/inizjattiva fis-seħħ, mill-2011 sad-data tas-šhubija tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fl-UE
- Impatt finanzjarju mill-2011 sal-2013

1.7. Metodu/Metodi ta' ġestjoni previst(i)³

Ġestjoni ċentralizzata indiretta bid-delegazzjoni tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

- korpi stabbiliti mill-Komunitajiet⁴

³ Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

⁴ Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kondizzjonijiet.

Il-ħidma tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, inkluż il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati fl-attivitajiet tal-Aġenzija, għandhom jiġu evalwati regolarment skont il-qafas stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 168/2007 u b'kunsiderazzjoni tal-Qafas Multiannwali tal-Aġenzija, kif ukoll tal-Programmi ta' Ħidma Annwali.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskju/Riskji identifikat(i)

- (1) L-għarfien tal-persunal dwar is-suq partikolari.
- (2) Problemi speċifiċi fil-ġbir tad-dejta dwar id-drittijiet fundamentali minħabba nuqqas ta' fornituri fis-suq.
- (3) L-impatt fuq il-proċess tal-akkwist minħabba nuqqas ta' disponibbiltà tal-fornituri ta' servizzi għall-ġbir tad-dejta dwar id-drittijiet fundamentali.
- (4) L-impatt fuq ir-riżultati tar-riċerka minħabba ġbir ta' dejta insuffiċjenti jew nuqqas ta' disponibbiltà ta' dejta.

2.2.2. *Metodu/Metodi ta' kontroll previst(i)*

- (1) Analiżi tal-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi partikolari meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u l-identifikazzjoni tat-taħriġ neċessarju tal-persunal.
- (2) Tisħiħ tal-monitoraġġ fuq l-attivitajiet tal-kuntratturi, speċjalment jekk ikunu ġodda fil-forniment ta' dejta dwar id-drittijiet fundamentali.

2.3. **Deskrizzjoni ċara tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u tal-offerti u l-użu ta' kuntratti multipli ta' qafas. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.

Sabiex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 għandhom japplikaw mingħajr restrizzjonijiet għall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali.

L-Aġenzija għandha tiffirma l-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej rigward l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u għandha toħroġ, mingħajr dewmien, id-dispożizzjonijiet xierqa applikabbli għall-persunal kollu tagħha.

Id-deċiżjonijiet dwar il-finanzjament u l-ftehimiet u l-istrumenti ta' implimentazzjoni li jirriżultaw minnhom għandhom jistipulaw b'mod espliċitu li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu jwettqu, jekk ikun hemm bżonn, kontrolli fuq il-post fuq ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Aġenzija u l-persunal responsabbli għall-allokazzjoni tiegħu.

3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/Intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji tan-nefqa eżistenti

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni.....]	AD/AMD ⁽⁵⁾	minn pajjiżi tal-EFTA ⁶	minn pajjiżi kandidati ⁷	minn pajjiżi terzi	fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
5	XX 01 01 01 Nefqa relatata mal-persunal fil-Kwartieri Ġenerali	AMD	LE	LE	LE	LE

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	5	" Nefqa amministrattiva "
--	----------	---------------------------

Miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

DĠ: JLS		Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	TOTAL
• Riżorsi umani		0,061	0,061	0,061	0,183
• Nefqa amministrattiva oħra		-	-	-	-
TOTAL tad-DĠ JUST	Approprijazzjonijiet	0,061	0,061	0,061	0,183
Approprijazzjonijiet TOTALI skont l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	(Impenji totali = Ħlasijiet totali)	0,061	0,061	0,061	0,183

Miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

		Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	TOTAL
Approprijazzjonijiet TOTALI skont l-INTESTATURI 1 sa 5	Impenji	0,061	0,061	0,061	0,183
	Ħlasijiet	0,061	0,061	0,061	0,183

⁵ AD = Approprijazzjonijiet differenzjati / AMD = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati

⁶ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁷ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

tal-qafas finanzjarju multiannwali					
------------------------------------	--	--	--	--	--

3.2.2. *L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. *L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

Miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt decimale)

	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	TOTAL
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali				
Riżorsi Umani	0,061	0,061	0,061	0,183
Nefqa amministrattiva oħra	-	-	-	-
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	0,061	0,061	0,061	0,183
Barra l-INTESTATURA 5⁸ tal-qafas finanzjarju multiannwali				
Riżorsi Umani	-	-	-	-
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	-	-	-	-
Subtotal barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	-	-	-	-
TOTAL	0,061	0,061	0,061	0,183

⁸ Nefqa u għajnuna teknika u/jew amministrattiva b'apport għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (preċedentement il-linji "BA"), ir-riċerka indiretta, ir-riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

		Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013
• Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (l-uffiċjali u l-aġenti temporanji)				
	XX 01 01 01 (Persunal fil-Kwartieri Ġenerali)	0,5	0,5	0,5
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)⁹				
	TOTAL	0,5	0,5	0,5

Ir-riżorsi umani meħtieġa mill-Kummissjoni se jintlaħqu minn persunal mid-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni.

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Il-ġbir tad-dejta dwar kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.
-------------------------------	--

3.2.4. *Kompatibilità mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

- Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

- Il-proposta/inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt decimale)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Total
<i>Speċifika l-korp tal-kofinanzjament</i>	0,165	0,170	0,175	0,510
Approprjazzjonijiet TOTALI kofinanzjati	0,165	0,175	0,175	0,510

⁹ CA= Aġent Kuntrattwali; INT= persunal tal-aġenzija ("*Intérimaire*"); JED= "*Jeune Expert en Délégation*" (Esperti Żgħażaġħ fid-Delegazzjonijiet); LA= Aġent Lokali; SNE= Espert Nazzjonali Sekondar;

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi tagħha stess
 - fuq id-dħul mixxellanju

Miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjonijiet disponibbli għall-eżerċizzju baġitarju kontinwu	Impatt tal-proposta/inizjattiva ¹⁰		
		Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013
Artikolu 603.1		0,165	0,170	0,175

Għal dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linja/linji tan-nefqa tal-baġit affettwata/affettwati.

18 04 05 03 u 18 04 05 04

Speċifika l-metodu tal-kalkolazzjoni tal-impatt fuq id-dħul.

Ara l-anness I tad-deċiżjoni

¹⁰ Fir-rigward tar-riżorsi tradizzjonali tagħha stess (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri l-ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25% għall-ispejjeż tal-ġbir.

ANNEX għad- **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

Isem tal-proposta/inizjattiva:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-Unjoni fuq il-partekipazzjoni tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, bħala osservatur fil-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-modalitajiet rispettivi, fi ħdan il-qafas stabbilit fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007, inklużi d-dispożizzjonijiet relatati mal-partekipazzjoni f'inizjattivi mwettqa mill-Aġenzija, mal-kontribuzzjoni finanzjarja u mal-persunal.

- (1) IN-NUMRU u l-ISPIŻA tar-RIŻORSI UMANI MEQJUSA BĦALA MEĦTIEĠA
- (2) L-ISPIŻA ta' NEFQA OĦRA ta' NATURA AMMINISTRATTIVA

(1) In-numru u l-ispiża tar-riżorsi umani meqjusa bħala meħtieġa

- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu tar-riżorsi umani, kif deskritt hawn taħt:

Miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali		Sena 2011		Sena 2012		Sena 2013	
		FTE	Approprjazzjoni	FTE	Approprjazzjoni	FTE	Approprjazzjoni
• Karigi fil-Pjan ta' Stabbiliment (l-uffiċjali u l-aġenti temporanji)							
XX 01 01 01 Nefqa relatata mal-persunal fil-Kwartieri Ġenerali	AD	0,5	0,061	0,5	0,061	0,5	0,061
	AST	-	-	-	-	-	-
• Persunal estern							
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali		0,5	0,061	0,5	0,061	0,5	0,061

Barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali		Sena 2010		Sena 2011		Sena 2012	
		FTE	Approprjazzjoni	FTE	Approprjazzjoni	FTE	Approprjazzjoni
• Karigi fil-Pjan ta' Stabbiliment (l-uffiċjali u l-aġenti temporanji)							
• Persunal estern							
Subtotal barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali							

	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013
--	-----------	-----------	-----------

	FTE	Approprjazzjoni	FTE	Approprjazzjoni	FTE	Approprjazzjoni
TOTAL INTESTATURA 5 u Barra l- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	0,5	0,061	0,5	0,061	0,5	0,061

Ir-riżorsi umani meħtieġa mill-Kummissjoni se jintlaħqu minn persunal mid-DĠ, li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni.

(2) L-ispiża ta' nefqa oħra ta' natura amministrattiva

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' kwalunkwe approprjazzjoni ta' natura amministrattiva